MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Numru 749/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**VINCENT CUCCIARDI**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VINCENT CUCCIARDI** ta' tnejn w erbghin sena bin Vincent u Stella nee Azzopardi, imwieled l-Isla nhar d-dsatax ta' Marzu 1959 u joqghod Flat 1, Two Gates Street, Senglea, detentur tal-karta tal-identita numru 212559M, gie mressaq quddiemha akkuzat originarjament flimkien ma Frankie Pace talli fid-disgha ta' Dicembru, 2000 gewwa l-Isla, matul l-gurnata kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Talli huwa recidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] datat sitta w ghoxrin ta' Novembru, 2001 markat bhala dokument CSH 5 a fol 20 tal-process sabiex l-istess imputat jitressaq quddiem din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita.

Semghet lil imputat fis-seduta tal-erbgha ta' Ottubru 2004 jirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv lil ssibu hati tal-akkuzi kollha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kaz fil-konfront tal-ko-akkuzat Frankie Pace is-sentenza diga` inghatat fil-konfront tieghu nhar it-tnejn u ghoxrin ta' April, 2001 pero' dan l-istess ko-

akkuzat kien ukoll akkuzat bir-reat ta’ serq ta’ zewg stereos.

**Ikkunsidrat ai fini tal-piena:**

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tnax ta' Dicembru, 2000 esibit fl-atti a fol 27 et seq tal-atti mmarkat bhala dokument DS u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u noltre ammetta l-pusess u t-tehid tad-droga.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 15 et seq tal-atti odjerni markata bhala dokument CSH 3 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga nstab hati f’disgha okkazzjonijiet minn dawn il-Qrati fejn instab hati ta’ diversi akkuzi fosthom serq, ricettazzjoni, offiza ta’ natura gravi, hsara volontarja u xi akkuzi ohra in konnessjoni mal-Ordinanza tat-Traffiku meta inghata piena ta’ prigunerija sospiza, ta’ prigunerija effettiva, multi, ameni u “unconditional discharge”. Illi dan nonstante l-imputat ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi u reggha nstab quddiem il-Qorti akkuzat bir-reat ta’ pusess ta’ droga u talli huwa recidiv.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat ma tghallimx mic-cansijiet moghtija lilu mill-Qorti u ghalhekk hija tal-fehma li l-piena idoneja f'dan il-kaz hija wahda karcerarja.

Il-Qorti ghalkemm hija rinfaccjata b’ammissjoni ma thossx illi ghandha taffettwha fl-ghoti tal-piena u dan ghaliex l-istess ammissjoni giet registrata tlett snin wara l-kaz tressaq il-Qorti u ghalhekk zgur ma ghenitx biex tispedixxi l-proceduri jew ahjar biex jigu evitati spejjez pubblici.

**Ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8 tal-Kap 101, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi billi tikkundanna lil imputat VINCENT CUCCIARDI ghal piena ta' prigunerija ta' sena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------